**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 11/18**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 8 ta' Ottubru 2018 |
| **Ħin:** | 6:20 PM |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Stephanie Fenech - Viċi-Sindku (mit-7:50pm)<br>Amanda Abela - Kunsilliera<br>Claude Camilleri - Kunsillier (sat-8:45pm)<br>Dorcas Camilleri - Kunsillier (sad-8:45pm)<br>Joan Agius - Kunsilliera<br>Joseph Hales - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier (sad-9:00pm)<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **11.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **11.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **11.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **11.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **11.05** | ***Żejt iż-Żejtun*** |
| **11.06** | **Attivitajiet tal-Milied** |
| **11.07** | **Latrini Pubbliċi** |
| **11.08** | **Vjal il-25 ta' Novembru** |
| **11.09** | **Tenders** |
| **11.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **11.11** | **Affarijiet ohra; u** |
| **11.12** | **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss** |

**11. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija x'tinqara. | | |

**11. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2. 1 | | Proponent: C Camilleri<br>Sekondant: D Camilleri | Il-Minuti 10/18 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 11. 2. 2 | 10.02.13 | Hales | It-triq tiġi taqra Triq Sir Paul Boffa | |
| 11. 2. 3 | 10.02.09 | Agius | Sabiex titnizzel jekk minflok meta | |
| 11. 2. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**11. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11 2 5 | 10.02.06 | Sindku: *Zebra Crossing* fi Tri il-Labour | Is-Sindku qalet li dawn issa qed jixgħelu | Sindku |
| 11 2 6 | 10.02.07 | Sindku: Ġebel San Martin | Is-Sindku qalet li l-ħaddiema tas-*Civil Works* ser jieħdu ħsieb li jsir ix-xogħol meħtieġ u il-Kunsill jieħu ħsieb it-tisqija tas-siġar kif kien maqbul. | Sindku |
| 11 2 7 | 10.02.12 | Caruana: *One-Way* Triq Ħal Bisbut | Caruana reġa staqsa dwar din il-possibilta'. Hales wieġeb li dan ma jistax isir peress minħabba l-parkeġġi peress li trid issir linja safra. Ser issir laqgħa ma' TM biex tiġi diskussa. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 2 | 8 | 10.02.15 | Agius: *Animal Building Activity* | Agius qalet li ser issir fil-Belt Valletta is-Sibt, 27 ta' Ottubru u ser ikun hemm madwar 4 *coaches* li ser jattendu. | Agius |
| 11 | 2 | 9 | 10.03.01 | Agius: Laqgħa mal-*Greenpak* | Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li d-Dipartiment tal-Gevrn Lokali qiegħed isib oġġezzjoni għal ftehim sabiex il-GreenPak iħallas lill-Kunsill u mhux lill-kuntrattur għaldaqstant dan l-arranġament ser jiġi rivedut. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 2 | 10 | 10.03.03 | Sindku: Triq Joe Attard | Sindku informat lill-Kunsill li irċivejna korrispondenza mingħand il-Kumitat tat-Tismija tat-toroq li peress li din it-talba saret mill-Kunsill Lokali, din ma tistax tinbidel lura. | Sindku / Hales |
| 11 | 2 | 11 | 10.06.04 | Hales : Il-proġett taz-zuntier | Hales reġa staqsa dwar dan il-proġett. Is-Sindku wieġbet li reġgħu infetħu t-tenders. Hales staqsa wkoll dwar jekk hemmx il-possibilta' li mal-proġett tiġi inkluża funtana. | Sindku |
| 11 | 2 | 12 | 10.06.05 | Hales: *Bus Shelters* | Hales informa lill-Kunsill li l-perit miexi sew fuq dan ix-xogħol u qed jistenna l-konferma mill-AKL. | Hales |

**11 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/18. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 1 | 8 | LCA: Ħlas ta' kontijiet tad-dawl u ilma | Wara diskussjoni, il-Kunsill b'mod unanimu qabel li dan m'għandux isir peress li l-kontribuzzjoni hija ftit kumparata mal-ammont ta' xogħol li ser jiżdied fuq il-ħaddiema. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 2 | 19 | TM: *Zebra crossings* fi Triq Luqa Briffa u Triq Delimara | Wara li l-pjanti hekk kif proposti minn TM ġew imtella' għal opinjoni pubblika fuq is-sit soċjali Facebook u d-diskussjoni mill-Kunsill Lokali kien hemm qbil li dawn mhux ser isolvu l-problema u għalhekk ser ngħaddu dawn il-kummenti lill-TM biex issib soluzzjoni aħjar. | Sindku |
| 11 | 3 | 3 | 32 | Wirt iż-Żejtun: Pavimentar tal-Misraħ quddiem San Girgor | Wara diskussjoni kien hemm qbil li bil-proposti l-ġodda xorta ser tkun ikkrejata problema bil-mod kif ġie iddisinjat il-parkeġġ jekk dan il-proġett xi darba jsir. | Sindku |

**11. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**11. 5. Żejt iż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11 5 1 | | Sindku: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li għal darb'oħra din il-festa kienet suċċess kbir u għall-ewwel darba kellna fostna wkoll il-Viċi-Sindku ta' Celano, Ezio Ciciotti u s-sinjura tiegħu. Irringrazzjat lill-Rica u Yves - propjetarji ta' Palazzio 1787 talli ospitawhom għall-tlett iljieli tal-festa. Il-Viċi-Sindku Fenech ħadet ħsieb iddawarhom f'postijiet bħal Roger's Bakery, Pataw u Barbetta li jagħmlu parti mit-tradizzjonijiet Żejtunija sabiex setgħu jaraw kif isir ix-xogħol. Żiedet li bi ftehim ma' Michelle Attard Tonna, President ta' BAG Malta u *Next Bike Malta*, ittellgħat attivita' fejn saret dawra bir-roti u wara saret preżentazzjoni dwar l-użu tar-rota fost il-ħafna attivitajiet oħra li ġew organizzati. Kompliet billi irringrazzjat lill-Agius għall-koordinazzjoni u x-xogħol tagħha, lill-għaqdiet li ħadu sehem u lill kull min attenda u ta s-sehem tiegħu. Saret diskussjoni dwar x'mar tajjeb u fejn mar inqas tajjeb sabiex jiġi irranġat. Is-Sindku qalet li x-xogħol huwa kbir u sabiex jiġu evitati xi nuqqasijiet dan irid jinqasam fuq il-Kunsilliera kollha. Issemma li l-Għaqdiet għandhom ikunu involuti fl-organizzazjoni fost affarijiet oħra u li dawn ser jiġu diskussi iktar fid-dettall fl-laqgħa li ser issir dwar din il-festa. | |

**11. 6.** ***Attivitajiet tal-Milied***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11 6 1 | | Attivitajiet tal-Milied | Ġie maqbul li l-Bibita għandha issir fit-18 ta' Diċembru u fit-30 ta' Diċembru ser jiġi organizzat il-Kunċert tal-Milied fil-parroċċa. | |

**11. 7.** **Latrini Pubbliċi**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Sindku: Bdil tal-Latrini Pubbliċi | Is-Sindku informat lill-Kunsill li nġabru l-kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu l-latrini pubbliċi kollha u jsir ukoll ix-xogħol tal-*plumbing* mill-ġdid. Ser nippruvaw ukoll inġibu l-fondi mill-*Urban Improvement Fund.* | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |

**11. 8.** **Vjal il-25 ta' Novembru**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11 8 1 | | Sindku: Re-surfacing ta' Vjal il-25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li apparti l-wiċċ tat-triq hemm bżonn li jsiru l-bankini fuq naħa minnhom tat-triq. Fuq parir tal-perit ġie ikkomisjonat lill-DMS Land Surveyors. Sabiex isir studju ta' kif dawn għandhom jiġu disinjati minħabba l-ammont kbir ta' ilma tax-xita li jinżel f'din it-triq. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |

**11 9** **Tenders**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **11** | **9** | **1** | | Segretarju Eżekuttiv: Tenders | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġew sottomessi żewġ tenders għal ġbir tal-iskart bieb bieb mill-kumtratturi Wilson Mifusd u Saviour Mifusd kif ukoll tender wieħed minn Wilson Mifsud għal ħarsien tal-Ġonna Pubbliċi. Dawn qed jiġu evalwati. | Segretarju Eżekuttiv |
| **11** | **10** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 10 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 10 | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 10/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 10 | 4 | | Petty Cash - Settembru 2018 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju u Lulju hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €230.30 . | Segretarju Eżekuttiv |
| **11** | **11** | | | **Affarijiet ohra; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 11 | 1 | | Sindku: Laqgħa tal-PA dwar l-iżvilupp ta' pompa tal-petrol | Is-Sindku qalet li attendiet għal laqgħa li saret mill-PA fit-13 ta' Settembru fejn bħala Kunsill b'mod unanimu u f'isem ir-residenti Żwieten, ivvutajna kontra dan il-proġett. | Sindku |
| 11 | 11 | 2 | | Sindku: BIS ħdejn San Girgor | Is-Sindku qalet li dawn ġew imċaqalqa ħdejn il-grada ta' Ġnien l-Għannejja Żwienet pero ser nitkellmu mal-Greenpak biex jimxu maġenb iċ-Ċimiterju. | Sindku |
| 11 | 11 | 3 | | Hales: Impjegat *Part-time* | Hales ippropona li wasal iż-żmien li jiżdied impjegat/a part-time minħabba l-ammont ta' xogħol li qed jiżdied. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li għandu jinbeda l-proċess. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 11 | 4 | | Hales: Ħmieġ fi Triq Toni Zahra | Hales ippropona li għandhom jitnaddfu l-għelieqi. Il-Viċi-Sindku qalet li dawn għandhom jiġu identifikati ma' akwati oħra u ssir ġurnata ta' tindif f'dawn iż-żoni. | Hales |
| 11 | 11 | 5 | | Chircop: Wirjiet waqt Żejt iż-Żejtun | Chircop qal li saru żewġ wirjiet b'waħda minnhom fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat bl-isem 100 Ikona u l-oħra Wirja Filatelika fis-Sala Ġużeppina Curmi taħt l-Istitut Ġesu' Nazzarenu. | Chircop |
| 11 | 11 | 6 | | Chircop: Plakka Storja - tagħrif dwar siti storiċi fiż-Żejtun | Chircop qal li l-proġett immexxi minn Wirt iż-Żejtun wasal fl-aħħar fażi tiegħu fejn il-Kunsill ser ikun qed jiffinanzja għoxrin fil-mija u t-tmenin fil-mija l-oħra mill-*Voluntary Organisation.* Bħalissa qed jiġu identifikati fejn ser jitwaħħlu dawn il-plakkek. | Chircop |
| 11 | 11 | 7 | | Chircop: SpazjArti | Chircop qal li matul ix-xahar ta' Settembru kellna esebiti l-pitturi ta' Francella Pace Agius u għal Ottubru ser titwaħħal il-pittura tas-Sur Attard min Twanny Spagnol. Għax xahar ta' Novembru ser jitwaħħlu l-pitturi ta' Abigail Attard. | Chircop |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 11 | 8 | Agius: Tilqima kontra l-influwenza | Agius qalet li bħalissa qed jinġabru l-ismijiet ta' dawk interessati u din ser tingħata fil-berġa fil-21 u t-22 ta' Novembru. Saret talba sabiex jinġabru 100 applikant ieħor. | Agius |
| 11 | 11 | 9 | Agius: *Weekend Break* | Agius infurmat lill-Kunsill li dan ser isir il-Qawra Palace Hotel bejn it-13 u s-16 ta' Diċembru. | Agius |
| 11 | 11 | 10 | Viċi-Sindku: *Pink October Awareness* | Il-Viċi-Sindku qalet li nxtagħlet il-binja tal-Kunsill tal-Kunsill b'dawl roża u ser tibqa sal-aħħar ta' Ottubru, ix-xahar iddedikat għal għarfien dwar il-kanċer tas-sider. | Viċi-Sindku |
| 11 | 11 | 11 | Viċi-Sindku: Proġetti tal-Erasmus+ | Il-Viċi-Sindku qalet li ser issir sezzjoni nhar is-Sibt, 13 ta' Ottubru bejn id-9am u nofsinhar fil-pjazza taż-Żejtun fejn ser nitkellmu ma' żgħażagħ u nies dwar id-diversi proġetti tal-Erasmus+. Żiedet li l-proġett li sar iktar kmieni din is-sena ingħalaq u ġew approvati il-fondi kollha għalih. | Viċi-Sindku |
| 11 | 11 | 12 | Sindku: L-ewwel żwieġ fil-Kunsill | Is-Sindku informat lill-Kunsill li għall-ewwel darba ser isir żwieġ ċivili fil-binja tal-Kunsill nahr is-Sibt, 13 ta' Ottubru 2018. | Sindku |

**11 11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:20pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 5 ta' Novembru 2018 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv